MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru 513/2009

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
*OMMISSIS A*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, *Ommissis A*, iben *ommissis D* u *ommissis M* xebba *ommissis*, imwieled *ommissis*, *ommissis*, residenti *ommissis* jew *ommissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *ommissis.*

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Gunju 2008 u fix-xhur precedenti, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew f’Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f’Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, filmat, “*video recording”* jew xbieha elettronika ndecenti ta’ *Ommissis B* ta’ taht l-eta’, jew li pproduca, qassam, xerred, offra, ittrasmetta jew wera xi ritratt, filmat, “video recording” jew xbieha elettronika ndecenti bhal dawk;
2. Fl-istess zminijiet u cirkustanzi, b’eghmil zieni, kkorrompa lil *Ommissis B* ta’ *ommissis*-il sena, persuna ta’ taht l-eta’;
3. Fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ecita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ l-istess imsemmija minorenni ta’ taht l-eta’ cioe *Ommissis B*;
4. Fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuni taht l-eta’ cioe *Ommissis B*;
5. Fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuna cioe *Ommissis B*;
6. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil *Ommissis B* biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalha biza’;
7. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, gab ruhu b’tali mod li ta fastidju lil persuna *Ommissis B* u xi persuni ohra u b’mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta’ fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuni ohra;
8. Fl-istess jum, lok u cirkustanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku;
9. U aktar talli ukoll kiser il-kundizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 20 ta’ Gunju 2008, liema sentenza hija wahda definittiva u matistghax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat (a fol.74) fil-verbal datat 9 ta’ April 2010, ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.81) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 17 ta' Mejju 2010 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Din il-kawza titratta l-agir ta' l-imputat, illi kien minuri ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena fid-data citata fl-akkuza, li stieden lil minuri *Ommissis B*, tfajla ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, biex tinza' fuq il-*webcam* tal-kompjuter minghajr ma qalilha illi huwa kien qed jirrekordja dana kollu. Dan ir-*recording* inxtered ma' diversi zghazagh, tant illi gie f'idejn *Assistant Head* ta' l-iskola Primarja, li minnufih hadet azzjoni u infurmat lil genituri ta' *Ommissis B* u mbaghad, sussegwentement, lil Pulizija. Fl-istqarrija tal-minuri, din tat rakkont ta' kif hija kienet tihrog ma' habibha taghha, *Ommissis C*, u li kienet tiltaqa' ma' l-imputat u diversi *boys* ohra ta' l-istess eta'. Stqarret illi *Ommissis C* kienet tohrog ma' l-imputat u li dan kien, anke waqt illi kien qed jinnamra ma' *Ommissis C*, kien imiss u jbaghbas lil *Ommissis B*. Bejn Awwissu u Settembru, l-imputat kien beda jhedded lil *Ommissis B* illi jekk ma tinzalux fuq il-*webcam* tal-kompjuter kien ser isibha u jatiha xeba u fil-fatt hassitha kostretta, pero' f'ebda hin ma kienet taf illi huwa kien qed jirrekordjaha. Illi mbaghad sussegwentement kienu baghtu ghaliha l-*Assistant Head* – *Ommissis D* – u minn hemmhekk kienet indunat li nxtered *video clip* taghha arwieni.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, ***Ommissis A***, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 208A (1) (2), 203 (1), 203A, 204C (1), 207, 251B (1), 251A (1) (4), 209, 37, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta'

Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.**

In oltre’, tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti fehemet lill-imputat il-konsegwenzi horox ta’ sentenza sospiza u dawn ta’ Supervision Suspended Order.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputat, l-eta’ minorenni tieghu u l-ammissjoni bikrija tieghu.

Din il-Qorti tafferma illi kien il-fatt biss illi l-imputat kien minorenni meta wettaq ir-reati li bihom jinstab mixli, illi skansat ghall-imputat, piena karcerarja effettiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------